TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Gilbert Guillaumier**

**Vs**

**Portelli & Brincat Ltd**

CCT 8/23/CC

Illum 18 ta' April 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fis-16 ta' Jannar 2023, fejn talab ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €1,467.50c (elf, erba' mija u seba' u sittin ewro, u hamsin centezmu) rapprezentanti depozitu mhallas minnu lis-socjeta intimata, rigwardanti tinda ('outdoor awning'), liema tinda qatt ma giet ikkonsenjata lir-rikorrenti.

Ra li s-socjeta intimata Portelli & Brincat Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta, u lanqas deher hadd in rapprezentanza ta' l-istess socjeta fis-seduta skedata ghal provi kollha tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti jixhed bil-gurament fis-seduta tal-11 ta' April 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li r-rikorrenti fis-17 ta' Marzu 2022 ordna tinda ('outdoor awning') minghand is-socjeta intimata Portelli & Brincat Ltd, u sussegwentement fl-4 ta' April 2022 gie effetwat depozitu fl-ammont ta' €1,467.50c (elf, erba 'mija u seba 'u sittin ewro, u hamsin centezmu) . Jirrizulta li fix-xhur ta' wara, bejn il-partjiet kien hemm diversi skambji ta' korrispondenza b'email, u anke' telefonati, rigwardanti d-data meta t-tinda ordnata tigi installata.

Illi jirrizulta li s-socjeta intimata indikat diversi dati ta' installazzjoni, izda konkretament ma saret l-ebda installazzjoni tat-tinda, u r-rikorrent kellu jirrikorri ghal din il-procedura, sabiex jigi rifuz id-depozitu imhallas.

Illi fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet, ma deher hadd ghas-socjeta intimata, u ghalhekk il-versjoniipprezentata mir-rikorrent ma hija bl-ebda mod kontradetta.

Illi inoltre t-Tribunal jinnota ulterjorment d-dokumentazzjoni dettaljata ipprezentata mir-rikorrenti, fejn il-versjoni tal-fatti tar-rikorrent hija ikkorraborata min tali dokumentazzjoni.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €1,467.50c (elf, erba 'mija u seba 'u sittin ewro, u hamsin centezmu).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C.Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru